MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 426/2003/1

**Kenneth Cassar**

**vs**

**Samy El Saghir personalment u ghan-nom ta' S.E. Link Limited (numru ta' registrazzjoni C-17948)**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' April, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut proprio et nomine ghall-hlas tas-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) depozitata mill-attur fil-kont tal-kumpanija konvenuta sabiex issir zieda fil-kapital attiv ta' l-istess kumpanija (hekk kif jidher mill-ircevuta tal-Bank of

Valletta annessa ma' l-Avviz bhala dok A) liema zieda kellha tigi konvertita f'ishma assenjati lill-attur. Dan ma sehhx, stante li l-konvenut abbuzivament ittermina n-negozju li huwa kellu ma' l-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 13 ta' Mejju, 2003, (Dok. B), u ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Lulju, 2003, (Dok. C), kif ukoll bl-imghax legali mid-data tad-depozitu ta' l-ammont mitlub, sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut pro et noe li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Fl-ewwel lok l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante illi l-konvenut ma nvesta l-ebda flus tieghu personalment fil-kumpanija ;
2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, kwalsiasi ammont pretiz mill-attur jinsab kumpensat ma' kreditu akbar li ghandha s-socjeta' konvenuta S.E. Link Limited kontra l-istess attur ;
3. Il-konvenut Samy El Saghir personalment m'ghandu jaghti xejn lill-attur ghax qatt ma rceva xejn minn ghandu u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;
4. It-talbiet attrici huma nfondanti kemm fil-fatt ukoll fid-dritt ;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ;
6. Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Rat id-dokumenti esebiti ;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet ;

Rat l-atti kollha tal-process ; u

Ikkunsidrat :-

Ghandu jinghad mill-ewwel illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ma jirrizulta ebda ammont li huwa cert, likwidu u skadut u li fih l-attur huwa debitur tal-kumpanija konvenuta u ghalhekk ma tistax ssir ebda kompensazzjoni kif mitlub mill-konvenuti bit-tieni (2) eccezzjoni taghhom.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, l-allegazzjoni ta’ l-attur timplika relazzjonijiet ta’ negozju u ta’ xoghol ezistenti bejn l-attur u l-kumpanija ‘S.E. Link Ltd’, immexxija minn Samy El Saghir, il-konvenut l-iehor, permezz ta’ liema l-attur kien jaghti l-assistenza tieghu ghal dak li jirrigwarda x-xoghol ta’ ‘marketing’ rikjest mill-kumpanija konvenuta.

Dawn ir-relazzjonijiet kellhom fl-ahhar jikkulminaw fl-akkwist mill-attur Kenneth Cassar ta’ hamsin fil-mija (50%) ta’ l-ishma fil-kumpanija ‘S.E. Link Ltd’ u liema trasferiment ta’ ishma kellu jsir fid-9 ta’ April, 2003, u effettivament f’ dik il-gurnata stess l-attur kien iddepozita fil-kont kurrenti mal-Bank of Valletta s-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) bhala l-valur nominali tax-‘shares’, izda minhabba dizgwidi sussegwenti d-dokumenti relattivi qatt ma gew iffirmati mill-partijiet biex b’hekk dan it-trasferiment jew akkwist baqa ma sehhx.

In sostenn ta’ din l-allegazzjoni l-attur ipprezenta d-‘deposit slip’ relattiva bil-firma tieghu fuqha minn fejn jirrizulta stabbilit li huwa ddeposita fil-kont tal-kumpanija s-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) fid-9 ta’ April 2003, b’indikazzjoni li din is-somma kellha tkun akkont ta « Share Capital », kif ukoll ipprezenta d-dokumenti li gew redatti mill-‘accountant’ Edward Fenech kollha ddatati wkoll 9 ta’ April, li pero’ ma gewx iffirmati mill-partijiet.

L-attur ikompli jallega illi r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti marru ghall-ghar u effettivament il-kontendenti tterminaw kull relazzjonijiet li kellhom bejniethom. Ghalhekk, billi t-trasferiment ta’ l-ishma baqa’ ma sarx u ma setghax isir, bl-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) illi huwa ddepozita fil-kont kurrenti tal-kumpanija mal-Bank Of Valletta.

L-attur isosstni ukoll illi d-depozitu ta’ s-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) ghamlu effettivament huwa stess u utilizza fondi illi dakinhar stess kienu gew irtirati mill-konvenut Samy El Saghir mill-kont tal-kumpanija, li gew imhallsin mill-istess konvenuti akkont ta’ kreditu li l-attur kellu fil-konfront ta’ l-istess kumpanija u kienet l-istess somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) li effettivament l-attur iddepozita personalment huwa stess fil-kont ta’ l-istess kumpanija.

Ghalhekk id-‘deposit slip’ bil-firma tieghu fuqha datata 9 ta’ April, 2003, u esebita a fol 2 tal-process u mmarkata ‘Dok. A’, hija prova konklussiva illi f’dak il-jum l-attur effettivament iddepozita fil-kont tal-kumpanija somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) u ndika bhala raguni ta’ dan id-depozitu zieda fil-kapital tal-kumpanija billi indika l-kliem « Share Capital ».

Dan id-depozitu effettivament huwa dak li kien gie pprospettat mid-dokumentazzjoni li kien lesta l-‘accountant’ Edward Fenech minn fejn jirrizulta illi l-operazzjoni ntiza bejn il-kontendenti kienet effettivament li jizdied il-kapital tal-kumpanija ‘S.E. Link Ltd’ billi jinhargu elfejn (2000) sehem iehor ta’ lira Maltija (Lm1) il-wiehed, u liema ishma kellhom jigu rregistrati f’isem l-attur Kenneth Cassar sabiex ikollu hamsin fil-mija (50%) ta’ l-ishma tal-kumpanija, billi, bl-akkwist ta’ sehem wiehed (1) minghand martu, Samy El Saghir, ix-‘share holder’ l-iehor, kien ser ikollu l-elfejn (2000) sehem l-ohra fil-kumpanija.

Huwa appuntu ghaliex l-kontendenti ftehmu dwar din l-operazzjoni specifika illi l-attur iddepozita l-elfejn lira Maltin (Lm2,000) tieghu fil-kont tal-kumpanija konvenuta u ma sarx hlas lill-konvenut Samy El Saghir personalment. Infatti l-operazzjoni ma kienitx tinvolvi trasferiment ta’ ishma minghand El Saghir lil Cassar imma biss zjieda ta’ ishma tal-kumpanija b’zieda relattiva fil-kapital socjali.

Minn naha tieghu l-konvenut biex jirribatti l-pretensjoni attrici u billi ma setghax jikkontesta l-fatt illi kien effettivament l-attur illi ddepozita fil-kont tal-kumpanija somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000) fid-9 ta’ April, 2003,

isosstni illi dan id-depozitu illi ghamel l-attur ma kellu x'jaqsam xejn ma zidiet fil-kapital tal-kumpanija jew akkwist ta' xi ishma fl-istess kumpanija, izda huwa jallega li l-attur, minghajr ebda awtorizzazzjoni ta' l-istess konvenuti kien approprja ruhu minn somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) imhollija mill-konvenut El Saghir quddiem il-kaxxiera fil-Bank Of Valletta u ghamel id-depozitu fil-kont tal-kumpanija ghan-nom u f'isem il-konvenut El Saghir ad insaputa tieghu.

L-istess konvenuti jsosstnu wkoll illi l-indikazzjoni li tali depozitu sar bhala zieda fil-kapital socjali kienet ghazla ta' l-attur stess li jaghmel dan minghajr l-intervent jew l-adezjoni tal-konvenuti.

Evidentement jinkombi fuq l-istess konvenuti illi jippruvaw din il-veracita' ta l-verzjoni taghhom li biha jridu jikkontestaw dak illi d-dokumenti nnifishom esibiti mill-attur jistabbilixxu.

Il-konvenut El Saghir ma jikkontestax illi effettivament hu u l-attur kienu effettivament imexxu l-kumpanija anke qabel l-incidenti tad-9 ta' April, 2003, u jirrizulta stabbilit, anke mid-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-istess konvenuti, illi anke qabel l-incidenti tad-9 ta' April, 2003, l-attur kien jitkellem f'isem u ghan-nom tal-kumpanija konvenuta anke fil-prezenza tad-direttur taghha, l-konvenut l-iehor Samy El Saghir.

Jirrizulta stabbilit ukoll mill-istess provi, senjatament mid-deposizzjoni ta' Martin Azzopardi, illi l-attur kien intiz illi jaghmel investiment fil-kumpanija konvenuta, u anke jirrizulta illi l-attur kien intitolat ghal xi kumpens ghal servizzi li kien qieghed jirrendi lill-istess konvenuti kif *del resto* jaccettaw l-istess konvenuti.

Jirrizulta ukoll, anke mid-deposizzjoni ta' David Mifsud li l-attur, li kien intitolat ghall-kumpens, ma kienx jidher li jithallas salarju.

Ghalhekk minn dawn id-diversi ndizji u cirkostanzi jirrizulta stabbilit illi r-relazzjonijiet li kellhom l-attur u l-konvenut

kienu ntizi biex jikkulminaw ghall-akkwist ta’ l-ishma mill-attur biex iwasslu li l-kumpanija jkollha l-ishma taghha maqsumin nofs kull wiehed bejn l-attur u l-konvenut Samy El Saghir ; u dan huwa accettat mill-konvenuti.

Ma jirrizultawx indizji ohra li jistghu ikunu indikattivi li d-depositu mghamul mill-attur setgha kien ghal xi raguni ohta oltre dak li jasserixxi l-attur, li effettivamnet ghamel id-depsitu.

L-asserzjoni wahedha tal-konvenut El Saghir illi l-flus iddepozitati mill-attur fid-9 ta’ April, 2003, kienu flus effettivament tal-kumpanija sbankati biss biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-vjagg ta’ l-istess konvenut u li l-attur iddepozitahom bhala kapital tal-kumpanija b’habi u minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ l-istess konvenut mhiex bizzejjed biex tirribatti dak li jirrizulta mill-provi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Infatti kienet tkun ko-incidenza stramba illi ghall-vjagg tieghu l-konvenut jizbanka mill-kont tal-kumpanija l-ammont ezatt ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000) li kien il-valur nominali ta’ l-ishma li kellu jakkwista l-attur u li kien diga’ stabbilit fid-dokumenti mhejjija dakinhar stess mill-awditur Edward Fenech.

Huwa wkoll inaspettat illi l-konvenut jitlaq dan l-ammont ezatt quddiem il-kaxxiera, jdur biex jitkellem ma direttur ta’ l-bank biex jghati l-opportunita’ lill-attur jikkommetti l-abbuz fil-jum u fl-ammont ezatt digia ipprospettat mid-dokumenti li tlestew ghall-firma tal-partijiet fl-istess jum.

Huwa ukoll inaspettat li l-izbank ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000) minn kont ta’ tlett elef  u tmin mitt lira Maltin (Lm3,800) kien ser ikollu xi nfluwenza negattiva fuq il-‘Manager’ tal-fergha fejn kien ser jigi trasferit il-kont tal-kumpanija meta evidentement dakinhar stess il-konvenut El Saghir kien ried jerggha jirtira u jizbanka elfejn lira Maltin (Lm2000) ohra biex jaghmlu tajjeb ghas-safar intiz dakinhar.

Infatti kienet tkun prova utili ghall-konvenuti li kieku ipprovaw li dak inhar stess il-konvenut, ghas-safar tieghu fid-9 ta' April, 2003, kien, sussegwentement ghall-operazzjonijiet li saru ma' l-attur, effettivament irtira somma ulterjuri ta' elfejn lira Maltin (Lm2000).mill-fergha l-gdida biex isiefer bihom

Izda din il-prova ma ngiebitx u l-ispjegazzjoni ghalhekk moghtija mill-konvenut, fin-nuqqas ta xi cirkostanzi li jikkoroborawha ma hijiex sufficjenti biex tirribatti dak li logikament ghandu jirrizulta mill-provi prodotti mill-attur.

Ghaldaqstant issib li effettivament l-attur iddepozita fil-kont tal-kumpanija konvenuta s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) biex jaghmlu tajjeb ghall-valur ta' ishma li l-attur kellu jakkwista fil-kumpanija konvenuta, u ghalhekk, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' it-talba attrici fil-konfront biss tal-kumpanija 'S.E. Link Ltd', favur min sar id-depozitu u ma' min l-attur kellu rapporti kummercjali ghall-akkwist ta' l-ishma, u konsegwentement tikkundanna lill-kumpanija konvenuta 'S.E. Link Ltd' sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) bl-imghax legali mid-9 ta' April, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Il-konvenut in rapprezentanza tas-socjeta` S.E. Link Limited appella minn din is-sentenza b' aggravji li sintetikament jammontaw ghall-kritika tal-motivazzjoni u konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti. Rikorrenti f' dawn l-istess aggravji hu r-rikjam li s-socjeta` appellanti taghmel ghar-rigward tal-principju ta' l-oneru tal-provi. Principju dan li fil-kaz in ispecje s-socjeta` appellanti tinterpretah fis-sens li kienet taggrava fuq l-attur il-prova li l-flus fl-akkont bankarju tal-kumpanija kienu verament jappartjenu lilu u mhux lill-kumpanija. F' kull kaz hi ssostni illi anke jekk talvolta l-piz kien hekk inkombenti fuqha hi ddizimpenjat ruhha b' mod kredibbli u konvincenti;

Huwa car mill-qari tas-sentenza appellata illi fuq l-analizi taghha tax-xhieda mismugha u tad-dokumenti esebiti l-ewwel Qorti kienet sodisfatta illi l-versjoni moghtija mill-attur kienet aktar kredibbli u attendibbli. Innegabilment, hu principju ferm assodat fil-gursiprudenza illi f' kazijiet ta' din ix-xorta, fejn ir-rizoluzzjoni tal-materja tkun tiddependi minn valutazzjoni tal-fatti, Qorti tat-tieni istanza ma tiddisturbax b' mod legger din l-istess valutazzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad, ammenokke ma jkunux jezistu ragunijiet tassew gravi. Biex wiehed jissellef il-kliem tal-Qorti ta' l-Appell, kollegjalment komposta, fil-kawza "**Joseph Walker *nomine* -vs- Raymond Pizzuto**", 6 ta' Ottubru 1999, "din il-Qorti ta' revizjoni ma tarax ghaliex m' ghandux jibqa' japplika l-principju ormai assodat fil-gurisprudenza illi hi m' ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi li jwassluha ghal konvinciment illi dik il-Qorti ma setghetx ma kienetx zbaljata fl-apprezzament taghha. Ragunijiet li jwassluha ghall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament taghha ta' dawk il-provi ghal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tigi krejata ingustizzja manifesta.";

Il-Qorti tifhem illi r-raguni ghar-ripetizzjoni u sostenn tal-precitat principju hu dovut ghall-konsiderazzjoni illi qorti ta' prim' istanza hi l-arbitru tal-fatti u kellha l-opportunita` li tezamina hi stess x-xhieda fil-pedana u ddeterminat in bazi ghal dan illi l-ispjegazzjoni fornita minn wiehed mill-partijiet kienet mhux biss possibbli izda wkoll verosimili. Dan anke fejn dik l-istess qorti jkollha tiddeciedi fuq bazi ta' probabilitajiet. Fi kliem is-sentenza "**Emanuel Genovese *proprio* -vs- Max Castagna *proprio et nomine***", Appell, 23 ta' April 2001, "dan proprju ghaliex l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tevalwa l-provi prodotti, il-komportament tal-partijiet u x-xhieda taghhom meta ddeponew quddiemha, u ghexet l-iter tal-process fil-varji fazijiet tieghu";

B' dan quddiemha, din il-Qorti rriezaminat il-provi processwali biex tara jekk, kif kontez mis-socjeta`

appellanti, il-motivazzjoni, u allura wkoll l-konkluzjoni, kienux jiddifettaw minn vizzji logici. Gjaldarba gie sollevat il-punt mis-socjeta` appellanti forsi ma jkunx inopportun jekk jigi diskuss qabel xejn il-principju relattiv ghall-oneru tal-provi;

Huwa indubitat illi min irid jivvalora dritt li jippretendi li ghandu jehtieglu jipprova l-fatti li jikkostitwixxu l-fondament ta' dak l-istess dritt. Dan fis-sens illi jinkombi bi dmir fuq il-parti li tallega fatt favorevoli ghaliha li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt. Skond id-dritt probatorju, il-karattru favorevoli tal-fatti allegati huwa kriterju ta' distribuzzjoni ta' l-oneru tal-provi. Dan kemm jekk il-fatti jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat ("*actori incumbit probatio*") u sija jekk il-fatti jingiebu a bazi ta' l-eccezzjoni tal-konvenut biex jikkontrastaw l-pretiza ta' l-attur ("*reus in excipiendo fit actor*"). Huma dawn ir-regoli legali ta' gudizzju li jikkonsentu lill-gudikant japproda ghal decizjoni fil-meritu;

Applikati dawn ir-regoli ghal kaz taht konsiderazzjoni, bla dubju, *in primis*, l-*onus probandi* hu mixhut fuq l-attur. Dan ghaliex bhala regola generali l-piz hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq minn jinnegah. L-attur appellat jghid li sakemm kellu jkun finalizzat il-ftehim dwar l-akkwist minnu ta' ishma fil-kumpanija konvenuta, kien hemm arrangament li hu jircievi persentagg mill-qligh tal-kumpanija u dan b' korrispettiv ghall-maniggjar tal-*marketing* tal-kumpanija. Huwa jzid jafferma illi ghal dan ix-xoghol thallas is-somma ta' elfejn lira (Lm2000) mill-fondi tal-kumpanija, liema somma regghet giet ri-depozitata minnu fl-istess kont bankarju tal-kumpanija ghall-akkwist ta' l-ishma. Biex jikkorrobora dan huwa pproduca d-*deposit slip* tal-Bank bir-rimarka fuqha "Share Capital" (fol. 16). Huwa accetat illi meta l-attur igib prova *prima facie* li ssostni t-tezi tieghu, l-oneru tal-prova jghaddi mbaghad fuq il-konvenut;

Apparti li l-konvenut jaghti versjoni ghal kollox differenti minn dik ta' l-attur riferibilment ghal hrug tas-somma mill-kont tal-kumpanija u r-ri-depozitu taghha fl-istess kont, rinfaccjat bil-fatt tad-*deposit slip* huwa jissuggerixxi illi dak li sar mill-attur gie maghmul minn wara dahru meta hu kien aljenat f' diskursata mal-*manager* tal-Bank. Minn kif impostata, din l-ispjegazzjoni tal-konvenut kienet certament tammonta ghal kontestazzjoni ta' l-assunt ta' l-attur. Li jfisser li hu kien obbligat li jissodisfa b' mod sostanzjali lill-ewwel Qorti illi l-attur kien qarraq bih u wettaq l-abbuz allegat. Dik il-Qorti sabet li l-allegazzjoni wahidha kienet insufficcjenti u anzi dehrilha, fic-cirkostanzi generali tal-kaz, illi l-fatt ma sehhx kif prospettat mill-konvenut, u li allura ma rnexxielux jirribatti l-prova li kienet taghmel id-*deposit slip*. Dan nonostante li kienet konsentita lilu kull xorta ta' prova ammessa mil-ligi kontra dan id-dokument. Ir-regola "*contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non aufertur*", invokata mill-attur fir-risposta ta' l-appell tieghu, kienet issofri limitazzjoni fil-kazijiet ta' allegati abbuz. Ara a propozitu **Vol. XXXIX P I p 221** u fl-istess volum **P III p 855**. Kif gja rilevat is-socjeta` appellanti naqset milli effettivament tiddemostra ghall-konvinzjoni tal-Qorti illi dak pretiz mill-attur appellat ma kienx jikkorrispondi ghas-sewwa. F' dan il-kaz, jekk hemm bzonn jigi ribadit, ma kienx hemm biss il-kelma ta' l-attur imma wkoll il-prova dokumentarja tad-*deposit slip* biex issostni l-legittimita` u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu ghar-radd lura tas-somma reklamata;

Mhux il-kaz li din il-Qorti tiddilunga aktar. Tghid biss illi ssib li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hi studjata, minizzjuza u l-konkluzjoni korredata kif jixraq bi provi u konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------